**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 696/2024DC**

***Hal Mann Vella Limited (C-28088)***

***vs***

***Adrian Chircop (K.I. Numru 44871M)***

**Illum 3 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi ppreżentat fid-19 ta' Ġunju, 2024 permezz ta' liema ppremettiet:-

1. *Illi l-konvenut huwa debitur tal-kumpanija esponenti fl-ammont kumplessiv ta' sitta u erbgħin elf u erbgħin ewro (€46,040) rappreżentanti ammont dovut mill-konvenut lill-kumpanija esponenti u dan kif jidher mill-kostituzzjoni ta debitu li qiegħdha tiġi mmarkata bħala Dokument HMV1;*

2. *Illi għalkemm il-kumpanija esponenti interpellat kemm –il darba lill-konvenut sabiex iħallas l-imsemmi ammont u saħansitra l-konvenut kien obbliga ruħu li iħallas lill-kumpanija esponenti b'rati mensili, il-konvenuti baqgħa inadempjenti;*

3. *Illi d-dejn dovut mill-konvenut lill-kumpanija esponenti huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpanija esponenti, il-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talbiet attriċi;*

4. *Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha meħtieġa mil-liġi skont l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dina l-*

*Onorabbli Qorti tggħaddi sabiex tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ;*

5. *Dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;*

U wara li hekk ippremettiet, is-soċjeta' attriċi talbet lil din il-Qorti:-

1. *Tiddeċiedi l-kawża skont it-talba bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikkjara illi l-konveut huwa debitur tal-kumpanija esponenti fl-ammont ta' fl-ammont kumplessiv ta' sitta u erbgħin elf u erbgħin ewro (€46040) rappreżentanti ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta esponenti;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-kumpanija esponenti l-ammont kumplessiv ta' sitta u erbgħin elf u erbgħin ewro (€46040).*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Ittra Uffiċċjali b kontra l-konvenut u spejjeż tas-sekwestri u mandati oħrajn, u bl-interessi kummerċjali bl-ogħla rata permissibbli mil-liġi kummerċjali mid-data ta' kull fattura pprezżntata fiħ dil kawża sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa inġunt in subizzjoni. B'riżerva ċara għad-drittijiet kollha spettanti lill-kumpanija esponenti għall-prezz ta' xogħolijiet provduti minnha lill-konvenuti.*

Rat id-dokumenti kollha annessa ma'l-istess rikors ġuramentat.

Rat id-digriet mgħoti fil-25 ta' Awwissu 2024 permezz ta' liema l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tat-3 ta' Ottubrbu 2024 u l-konvenut ġie ordnat sabiex jidher dak in-nhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif maħsub f'l-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-konvenut ippreżenta nota fir-reġistru fit-termini tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u deher waqt l-udjenza miżmuma llum u ta r-raġunijiet għalfejn għandu jingħata l-opportunita li jipprezenta risposta ġuramentata u jopponi t-talba tas-soċjeta attriċi.

Rat li b'degriet mgħoti aktar kmieni llum il-Qorti iddecidiet li l-konvenut m'ghandux eċċezzjonijiet validi skond il-liġi x' jressaq għat-talba tas-soċjeta' attriċi u għalhekk ċaħdet it-talba tiegħu sabiex jipprezenta risposta ġuramentata.

Ikkunsidrat

Illi mir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi, hekk kif maħluf minn Mark Vella, u d-dokumenti hemm annessi inkluż kostituzzjoni ta' debitu datata 28 ta' Mejju 2024, jirriżulta li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' sitta u erbgħin elf u erbgħin Euro (€46,040).

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi t-talbiet tas-soċjeta attriċi jidhru ġustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tingħata bid-dispensa tas-smigħ skond l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) **Tilqa' l-ewwel talba** tas-soċjeta' attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) **Tilqa' it-tieni talba** tas-soċjeta' attriċi billi tiddikjara lill-konvenut debitur tagħha fis-somma ta' sitta u erbgħin elf u erbgħin Euro (€46,040); u

(3) **Tilqa' it-tielet talba** tas-soċjeta' attriċi billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' sitta u erbgħin elf u erbgħin Euro (€46,040).

B'l-ispejjez u b'l-imgħaxx legali kontra s-soċjeta konvenuta.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**